

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2010

Madankollu, l-Artikoli 25, 26 u 27 għandhom japplikaw minn ... (*). Barra minn hekk, b'deroga mit-tieni paragrafgu ta' dan l-Artikolu u b'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, l-applikazzjonijiet jistgħu jsiru skont dan ir-Regolament minn ... (*) għall-awtorizzazzjoni ta' ikel imsemmi fil-punt (iv) tal-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, fejn tali ikel ikun digħi fis-suq ħdan l-Unjoni f'dik id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi, ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data: id-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament.

L-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (Tfassil mill-ġdid) *II**

P7_TA(2010)0267

Riżoluzzjoni legi-slattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (Tfassil mill-ġdid) (11962/2/2009 – C7-0034/2010 – 2007/0286(COD))

(2011/C 351 E/33)

(Proċedura legi-slattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11962/2/2009 – C7-0034/2010),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2007)0844),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0002/2008),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titolu “Konsegwenzi tad-ħdul fis-seħħi tat-Trattat ta’ Liżbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa” (COM(2009)0665),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁽¹⁾,

— Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tal-14 ta’ Jannar 2009⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 191.

⁽²⁾ ĠU C 182, 4.8.2009, p. 46.

L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2010

- Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2008 (¹),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-İkel (A7-0145/2010),
 1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari kif stabbilita hawn taħt;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

(¹) ĠU C 325, 19.12.2008, p. 60.

P7_TC2-COD(2007)0286

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fis-7 ta' Lulju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2010/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tnejja) (Riformulazzjoni)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2010/75/UE)

L-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam *II**

P7_TA(2010)0268

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (05885/4/2010 – C7-0053/2010 – 2008/0198(COD))

(2011/C 351 E/34)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wwara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05885/4/2010 – C7-0053/2010),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0644),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0373/2008),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titlu “Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa” (COM(2009)0665),